*Din il-kitba nqrat mill-awtur innifsu waqt iċ-ċerimonja mtellgħa mill-Kunsill Lokali tal-Mosta b'tifkira tal-Vittmi tal-Gwerra nhar il-Ħadd, 16 ta' Novembru 2003, f'riġlejn il-monument iddedikat lill-Qalbiena Mostin. Nirringrazzjaw lis-Sur Joseph J. Camilleri talli għoġbu jgħaddielna dan id-diskors biex nippubblikawh.*

# Il-Qalbenin Mostin

## *"Henjin dawk li jġibu l-paċi għaliex huma jissejħu wlied Alla"*

minn **Joseph J. CAMILLERI B.A., M.A., A.I.E. (Lond.)**

Din iċ-ċerimonja, barra li tfakkar lill-Mostin li ħallew ħajjithom - l-aktar dawk ta' matul l-aħħar gwerra - hi ta' okkażjoni biex nagħtuhom ġieħ mistħoqq. Matul l-istorja, il-Mosta kellha l-qalbenin tagħha, kemm-il wieħed f'taqtigħat mal-furbani, mal-misilmin, tul ħakmiet barranin. Fi żmien il-Franċiżi, 16-il Mosti li nafu isimhom (l-ogħla figura minn raħal wieħed) kienu ġew arrestati, mixlija u kkundannati. Aħna niftakru l-aktar li temmew ħajjithom fi żminijiet aktar riċenti.

Dan il-mafkar għandu minquxin mija u tmenin isem - jista' jkun hemm iżjed. Ma nafx, per eżempju, għandniex ukoll inqisu vittmi tal-gwerra dawk il-Mostin li kienu jaħdmu fil-mina tal-ferrovija fir-Rabat fejn kienu jinħażnu l-laned tal-petrol għall-ajruplani f'Ta' Qali, li ħafna minnhom ħassew moħħhom u mietu kaġun il-foga u r-rieħa tal-petrol mistgħadar mil-landi jqattru. Kien id-*District Medical Officer* (it-tabib tad-distrett) dak iż-żmien li ntebaħ bil-gwaj. Ta' dawn m'għandniex isimhom.



*Il-mafkar ad unur 'Il-Qalbiena Mostin' li ħallew ħajjithom f'ċirkostanzi differenti, u li jinsab f'tarf Triq il-Kungress Ewkaristiku.*

Din l-okkażjoni sservi wkoll biex infakkru xi inċidenti partikolari ta' żmien il-gwerra, li wħud minnhom illum li għadda ż-żmien iqanqlu tbissima. Bħal dawk per eżempju li fetħu negozju żgħir bil-bejgħ tal-ħarrub. Il-Mostin kienu jixtru mingħand kapural Ingliż il-bajd tal-ħamiem '*homer*' li kien jittrenja. L-għarajjes Mostin kienu xtraw il-ħarir tal-paraxut għal-libsa tat-tieġ minn ħanut li kien ipartu mal-fliexken tal-wiski mas-suldati Ingliżi.

Dawk imbagħad - serq ta' ikel mill-garaxxijiet, uffiċjal mixli li seraq xi 1ċ5 minn djar imġarrfin, bejgħ ta' ħobża lira, xkora dqiq erbgħin lira jew aktar jew titpartat mad-deheb. Inċidenti patetiċi bħal ta' Dun Ġużepp Mifsud ('Tal-Lavalora') li ntradam f'daru fi Triq il-Kbira. Sabuh mirdum imkeffen minn rasu sa saqajh bħal ħuta mkebba fid-dqiq. Dun Ġużepp kellu fobja għat-trab tant li kien jaħsel idejh il-ħin kollu matul il-jum.



*Kaxxi bl-ikel mgħottijin bil-ġebel ħalli ma jintgħarfux mill-bdoti ta' l-ajruplani ta' l-għadu.*

Minħabba n-nuqqas ta' ikel nfetħu il-kċejjen tar-rebħa (il-*victory kitchen*). Kellhom il-kok, min jixtri l-ħaxix mingħand il-bdiewa u min iqassam l-ikel. It-tgergir li l-aktar kien isir mhux dwar il-kwalità ta' l-ikel, għad li tisjir bil-laħam tal-mogħoż u fwied iffriżat xejn ma kien popolari, imma għax il-proporzjon kien ikun żgħir - l-aktar għal dawk li kienu jiġu b'borma kbira. F'xi kċejjen it-tisjir kien isir f'borom kbar fuq il-ħatab.

Hekk kif l-Italja kienet waslet biex tidħol fil-gwerra saru l-pellegrinaġġi, tqassmu l-maskri tal-gass, u saret il-lieva. Kien hemm min ma ngabarx suldat, donnhom ma kienx hemm regoli stabbiliti. Għalliem ta' l-arti tqieslu xogħlu kien servizz meħtieġ. Ir-rekluti kienu jitħarrġu mill-Ingliżi u Irlandiżi, qiesu l-Maltin inferjuri u kienu arroganti l-aktar għax ħafna Maltin kienu illitterati. Xogħolhom kien ukoll jimlew il-ħofor tal-balal, iġorru l-petrol.

Lill-Mostin li mietu matul il-gwerra sejjaħnielhom 'qalbenin' għaliex kellhom mewta li tixraq lil kull eroj - bħal meta nsejħu 'l-eroj ta' l-1565 u tas-*Sette Giugno*'. Riedu jew ma riedux xorta waħda ssagrifikaw rwieħhom f'taqbida għall-ħarsien ta' pajjiżhom. F'dan il-kuntest, il-kelma 'qalbenin' hi mogħtija tifsira aktar wiesa - ta' qalb kbira.

L-ewwel ħbit mill-ajru fuq pajjiżna seħħ fis-sebgħa ta' fil-għodu fil-11 ta' Ġunju 1940. Dan kien il-bidu ta' sensiela ta' 3,340 attakk li żamm lil niesna 2,357 siegħa fil-kenn tax-xelters!

L-agħar sena għal pajjiżna - speċjalment għall-Mosta - kienet is-sena 1942 meta kien hemm 2,031 ħbit mill-

ajru. Nafu b'91 isem ta' nies mejta fil-Mosta - l-iżgħar tarbija ta' 3 xhur, l-akbar anzjan ta' 82 sena.

Insemmu l-ħbit fuq Ta' Qali b'75 ajruplan li sar fil-21 ta Marzu 1942, il-balal li waqgħu fi triqat - tal-Pont, il-Kungress Ewkaristiku, il-Kbira, il-Pjazza ta' l-Oratorju. Jum minnhom mietu 16-il ruħ.

L-akbar diżgrazzja kienet dik magħrufa bħala ta' Xelter Nru. 71 fi Triq Gafà fil-21 ta' Marzu 1942.

*F'Jum Sibt tal-biża' mdellel,*
*Fl-eqqel l-eħrex taqtigħa,*
*Bejn ġnus miġnuna.*
*Meta qellet is-smewwiet,*
*F'xita ta' ħadid jikwi,*
*Ħalliet ħerba sħiħa.*
*U mitt ġisem imtertaq,*
*U romol u ltiema bla għadd.*
*Qatt bħal dak inhar,*
*Ma tkexkxet il-Mosta,*
*B'hekk ħerba.u niket*
*U nstemgħet tnehid u lfiq.*



*Lapida linkixfet fl-20 ta' Marzu 1994 mis-sindku ta' dak iż-żmien, is-Sur Nazzareno Vassallo, biex tfakkar l-34 ruħ li tilfu ħajjithom fix-xelter nru. 71 fi Triq Gafà.*

Jingħad li fix-xelter mietu 34 ruħ, ħafna minnhom sabuhom sfigurati li ma jintagħrfux. Żewġ tobba qalu li qatt daqs dakinhar fl-isptar Bugeja ma kellhom daqshekk x'jagħmlu, biss biss mat-80 ruħ marru jiddewwew. L-istess il-Birgu, fis-sagrestija mietu ma' l-erbgħin ruħ.

Deskrizzjoni ħajja u vivaċi ta' x'ġara dakinhar tathielna Doris Camilleri (daqsxejn ta' tifla ta' disa' snin - Vella dak iż-żmien). Il-ġrajja għexitha fix-xelter fejn missierha u żewġ ħutha subien ħallew ħajjithom. Ritratt ta' ħuha l-kbir ma' żewġt iħbieb li t-tlieta mietu fix-xelter li ttieħed jum qabel it-traġedja, hu muri ma' dan l-artiklu fil-ktieb 'Maltin fil-Gwerra' (L. Mizzi).

Fid-9 t'April 1942, fl-4.30 ta' wara nofsinhar, balla ta' 1,100 libra (nofs tunnellata) nifdet il-koppla tar-Rotunda. Dakinhar għadd ta' bombi li waqgħu fil-Mosta għal xi raġuni kollha ma splodewx.

Il-pilota li waddab il-bomba kien jismu Franz Scheffl. Sieħbu Felix Sauer li dakinhar kien ukoll fuq Messerschmitt 109 jgħid li l-bomba waqgħet bi żball. Sauer irrakkonta x'ġara f'diskors li għamel fir-Rotunda fil-15 ta' Mejju 1988, kif irrapurtat minn Anthony Camilleri fil-ktieb 'Il-Ħbit mill-Ajru Fuq ir-Rotunda'.

Il-pajjiżi nvoluti fil-gwerra akkużaw lil xulxin li


*Ritratt mill-ajru tal-Mosta fit-tletinijiet bir-Rotunda tiddomina fuq il-bini tal-Mosta.*

wettqu *'carpet bombing'* - tfigħ ta' balal bl-addoċċ, kif ġie ġie.

Dwar x'ġara l-Mosta, wieħed irid jiddeċiedi jekk ġara jew ma ġarax hekk, fl-isfond ta' kif il-Mostin sabu rwieħhom bla ma riedu kkondizzjonati b'konsiderazzjonijiet militari li tqiesu l-ewwel u qabel kollox.

Fuq naħa kien hemm il-bażi ta' l-ajruplani tal-ġlied f'Ta' Qali. In-naħa l-oħra l-fortizza ta' Misraħ Għonoq bil-ħażniet tal-bombi fil-mini f'Wied il-Għasel, il-batterija tal-kanuni kontra l-ajruplani fil-Biżbeżija, *searchlight* fl-għalqa ta' Xorxa, kanun tat-tip bofor u dar tas-suldati fil-bidu ta' Triq il-Kungress, kemm-il sptar militari (fl-iskola, fid-dar tas-sur Scicluna - ir-Reo), dar għall-piloti ta' l-alleati fil-pjazza u mħażen (garaxxijiet bl-ikel). Ta' kollox kellhom informazzjoni l-Ġermaniżi.

Proposta ftit qabel ma bdiet il-gwerra biex jitħaffru xelters ma għaddietx għax espert Franċiż qalilhom li biex ikun jiflaħ għall-bombi ried ikollu ta' lanqas 16-il pied blat fond. Minflok taw lill-familji tavluni taż-żewġ pulzieri ħxuna. Il-gvern imbagħad qabbad ma' l-elfejn ħaddiem iħaffru x-xelters. Fil-Mosta x-xogħol beda fl-1941 u kollha kienu lesti wara 14-il xahar (barra dak fi Triq il-Kostituzzjoni). B'kollox 42 wieħed.

Dak tal-pjazza ta' madwar 75 metru tlesta f'ħames xhur, 15-il ħaddiem jaħdmu lejl u nhar bix-xiftijiet. Qabel tħaffru x-xelters, il-kannierja kienet l-aktar post ta' kenn popolari. Fl-eqqel tal-gwerra, in-nies kienu jfittxu post fix-xelters minn kmieni. Fl-4 ta' wara nofsinhar kienu jkunu mimlijin, jaħsbu għax ikun riesaq il-lejl. Il-ħajja u l-atmosfera kienu ta' dwejjaq, taqtigħ ta' qalb, rassa, nifsijiet, riħa ta' għeluq, *scabies*, konfronti, talb u rużarju ma jaqtgħu xejn. Imtieraħ, gvieret, bramel, sàqqijiet, kutri, eċċ.

F'okkażjonijiet bħal dawn jeħtieġ kull darba jitwassal il-messaġġ tal-paċi. Il-paċi mhux biss ta' nuqqas ta' gwerra, imma wkoll fil-kunċett tagħha aktar wiesa' - paċi magħna nfusna, ma' sħabna, ma' dawk ukoll li ma niggustawx, ma' l-ambjent. Dawk li ġew wara jista' dan kollu ma jimpressjonahomx. Jisimgħu

bħal donnhom qegħdin jaqraw ktieb li hekk kif jagħlquh ma jinteressahomx aktar.

Jien inħobb inħares lejn iż-żewġ naħat tal-kwadru. Fil-poeżija tiegħi 'Lit-Tork' ħassejt konsiderazzjoni wkoll għalih. Indottrinati konna kontra l-misteri, insejna li hu wkoll ħalla familja mbikkija warajh, li kien missier li jħobb u jibki, li bħal l-insara jibża' meta mal-qtugħ tax-xafra jħoss demmu sħun ħiereġ - l-istess ħsieb fil-poeżija 'It-Talb'.


Il-batterija ta' tarġa Gap fil-limiti tal-Mosta, c. 1960.

Il-pilota Ġermaniż fil-baħħ jistenna minn mument għall-ieħor il-qerda, u jitlob 'l Alla jeħilsu mill-mewt. Fl-istess waqt in-nies imgeddsin fix-xelters jistennew ħerba, jitolbu huma wkoll 'l Alla biex jeħlishom mill-qerda, u n-nisa lil żwieġhom jgħassu fuq il-kanuni. Ta', missier ħanin tat-tnejn, ta' min se jisma' l-karba mriegħda? Mistoqsija li m'għandiex tweġiba. Poeżiji li tqiesu miktubin fuq linji ġodda.

U biex ma nibqgħux mħammu fuq l-aspett negattiv, xtaqt fil-qasir ngħid kif ħarisna aħna t-tfal lejn dawk is-snin ta' gwerra. Eċċitajna rwieħa meta bil-lejl jintefa d-dawl mit-toroq. Stajna matul il-jum nilagħbu u niġru fit-toroq kemm irridu, vojta kif kienu mill-karrozzi. Meta bdew ġejjin ir-refuġjati bl-istorbju u l-moviment li ġabu magħhom, l-ambjent ħa l-kulur u ħajja ġdida. It-tfal bla riedu għamlu ħbieb ġodda, is-subien bdew jagħmluha u jilgħabu mal-bniet, ħafna minnhom fuq tagħhom. Il-Mosta ma baqgħetx li kienet. Mat-tinwiħ tas-sirena konna niġru fuq iz-zuntier. L-isparar tal-kanuni, xi ajruplan jaqa', paraxut nieżel qisnieh bil-moħħ ċkejken tagħna spettaklu. Mat-tisfir tal-bombi nieżla konna nitrassu bejn il-ħitan ħoxnin tar-Rotunda moħħna mistrieħ li ħadd ma jista' għalina.

Imma mhux hekk kienet fil-verità l-ħajja. Jekk l-artiklu tiegħi fil-ktieb 'Maltin fil-Gwerra' juri ċerta nostalġija u jikkontrasta bil-kbir ma' ta' Doris Camilleri (Vella), dak għax rajt kollox bil-lenti taż-żogħżija. Illum dak it-tħammim ma jagħmilx sens.

Il-gwerra hi kastig, iġġennen lin-nazzjonijiet, tħalli l-ħerba u l-imwiet. Tispiċċa waħda u tibda oħra, hekk donnu għal dejjem ta' dejjem. It-tislima lill-qalbenin Mostin ta' kull żmien għandha tkun ukoll it-talba tagħna, għall-paċi dejjiema. Salm 14 jgħid: "Agħmel it-tajjeb, fittex il-paċi u segwiha".

Fl-1992 kont ġejt mitlub naqra poeżija ta' l-okkażjoni fl-inawgurazzjoni ta' dan il-monument. Nagħlaq b'silta minnha:

*U kif xieraq għollejnielhom mafkar*
*Biex aħna u wliedna*
*U dawk li jiġu warajna*
*Qatt aktar ma ninsewhom,*
*Għax il-qalbenin għeżież missirijietna*
*Jistħoqqilhom dal-mafkar,*
*Mhux biss, u aktar ...*


